JOSEPH BEZZINA

# L-Isqof Baldassare Cagliares jagħmel Viżta Pastorali fil-Għarb erba' mit sena ilu 1615–2015



Erba' mit sena ilu sewwa, nhar l-Erbgħa, 11 ta' Novembru 1615, l-Isqof Baldassar Cagliares fetaħ l-ewwel viżta pastorali tiegħu f'Għawdex fil-Knisja Matriċi ta' Santa Marija. Hu kien inħatar isqof ta' Malta u Għawdex fl-età ta' 38 sena waqt konċistorju presedut mill-Papa Pawlu V fil-Palazz tal-Quirinale nhar it-18 ta' Mejju 1615.

Imħeġġeg kif kien għall-ħidma pastorali, l-Isqof Cagliares beda viżta pastorali Għawdex fl-istess sena tal-ħatra tiegħu – ebda isqof qablu u warajh ma-għamel viżta Għawdex daqshekk malajr wara l-ħatra. Ftit jiem wara l-ftuħ tal-Vista, huwa għamel żjara fl-inħawi ta' Ċangura, tad-Dwejra, u tal-Għarb. Inġibu fil-qosor dak li ħallielna miktub fuq il-Kappella tal-Viżitazzjoni, il-kappella li ħafna snin wara kellha ssir parroċċa.

It-tagħrif li ġej nafuh minn folju 22 *verso* tar-rapport tal-Viżta Pastorali li jinsab miżmum b'għożża fl-AEG•Arkivju Episkopali ta' Għawdex fis-sezzjoni VP•Viżti Pastorali – **VP (1615) 22v**.

### 1 • *Sanctae Mariae Virtutis*

L-Isqof Baldassar Cagliares isejjaħ lill-kappella ***Sanctae Mariae Virtutis*** – jiġifieri Santa Marija tal-Mirakli. Il-kelma bil-Latin ***virtus,*** fil-ġenettiv ***virtutis***, tfisser fost l-oħrajn qawwa u, b'estensjoni, mirakli.

Dan ifisser li n-nies tal-inħawi kienu jsibu l-kappella ta' dik in-naħa bħala **Santa Marija tal-Mirakli**. Peress li r-rapport tal-vista hu miktub bil-Latin, hu qaleb mill-Malti għal-Latin. Nafu li, dak iż-żmien, ix-xbiha taż-żjara tal-Madonna lil Eliżabetta ssejħet tal-Mirakli. Dan għaliex kif naqraw fl-evanġelju ta' San Luqa, 1, 41-45.

*Malli Eliżabetta semgħet lil Marija ssellmilha, it-tarbija qabżet fil-ġuf tagħha u Eliżabetta mtliet bl-Ispirtu s-Santu; u nfexxet f'għajta kbira u qalet: "Imbierka inti fost in-nisa, u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek! U minn fejn ġieni dan li omm il-Mulej tiegħi tiġi għandi? Għax ara, malli smajt f'widnejja leħen it-tislima tiegħek, it-tarbija li għandi fil-ġuf qabżet bil-ferħ. Iva, hienja dik li emmnet li jseħħ kull ma bagħat jgħidilha l-Mulej!"*

Il-miraklu ġara proprju fil-mument ta' dak li l-evanġelista jsejjaħ *qabża bil-ferħ*.

### 2 • L-inkwatru titulari

Ir-rapport jiftaħ hekk:

*Item visititaverunt Ecclesiam sub invocationis Sanctae Mariae Virtutis in contrada tal Garb quae habet altare lapideum cum ycona et imagine Visistationis Beatae Mariae ad Elizabeth manu periti pictoris decpicta cum cornicibus ornata.*

Fil-kappella, igħidilna, kien hemm pittura li turi ż-żjara tal-Madonna lil Eliżabetta magħmula minn artist tajjeb. Kienet imdawra u msebħa bi gwarniċ. L-Isqof ukompli jikteb li:

*Habet duo candelabra, duas tobalias, et sex pulvinaria pallium telae depictae.*

Fuq l-artal, kien hemm żewġ gandlieri, kif ukoll żewġt dvalji. Fuq ir-riħ tal-artal kien hemm tużell żgħir b'sitt patalotti tat-tila li kienet impittra. It-tużell kien ukoll ornat bil-freneż u l-ġmiemen. Iżda ma jidhirx li kien hemm minn dawn f'tal-Virtut.

### 3 • Żewġ bibien

Il-Vista tkompli:

*[Habet] duo ostia cum valvis ligneis absque tamen sera ferrea. Habet ante coemeterium et scutum unum.*



Il-kappella kellha żewġ bibien tal-injam. Il-Viżta ma tatix lejn fejn kienu jħarsu. Kellhom serratura tal-ħadid u għalhekk kienu jistgħu jingħalqu sewwa. Kellha wkoll dħul ta' skut, aktarx fis-sena, li dik il-ħabta kien qiegħed igawdihom Don Mattheo Chiappara, l-arċipriet tal-Knisja Matriċi.

Don Mattheo, li kien preżenti mal-isqof waqt il-Viżta, stqarr lill-isqof li l-kappella f'dak il-mument ma kellhiex rettur tagħha u ma kellha l-ebda dħul ieħor u lanqas kienet frekwentata min-nies.

**4 • Id-devot Andrea Malliceh**

Għarfu lill-isqof li kien hemm raġel, ċertu Andrea Malliceh, li nhar il-festa tal-Viżitazzjoni, kien iġib qassis ħalli jqaddes quddiesa għan-nies li dak inhar kienu jinvistaw il-kappella. L-istess Andrea kien jipprovdi erbat itmiem qamħ magħmul ħobż lil dawk li b'devozzjoni kienu jieħdu sehem fil-quddiesa tal-festa.

L-istess Andrea, kull nhar ta' Sibt, kien imur fil-kappella u jixgħel il-lampier li kien hemm imdendel quddiem l-inkwatru ta' Santa Elizabetta għal tul il-ġurnata kollha.

'Il quddiem, din id-devozzjoni kellha titkattar u l-kappella kellha tieħu r-ruħ.

© Copyright ▪ Joseph Bezzina ▪ 2015